**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 7** **10 ta' Ottubru, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-10 ta' Ottubru fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Aġent Segretarju Eżekuttiv

<table>
<tr><td>7.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġija</td></tr>
<tr><td></td><td>Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa li bdiet fl-16:32.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>7.2</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti</td></tr>
<tr><td></td><td>Is-Sur Reno Bugeja propona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda l-minuti tal-laqgħa.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>7.3</td><td>Komunikazzjoni mis-Sindku.</td></tr>
<tr><td>7.3.1<br><br>7.3.2<br><br>7.3.3<br><br>7.3.4</td><td>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-11 ta’ Settembru 2024 kellu laqgħa ma’ rappreżentant mill-Ministeru tat-Trasport fejn ġew diskussa t-taxis ta’ Triq Duncan. Inzerta li meta marru fuq il-post ma kienx hemm taxis.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li informa lir-rappreżentant mill-Ministeru tat-Trasport li hu jixtieq li t-taxis imorru fil-parkeġġ tal-Magħluq. Is-Sindku rrimarka li xorta ser tibqa’ l-problema tal-karozzi tal-Y Plates iwaqqfu max-xatt, għalhekk ressaq din il-proposta li l-whitetaxis iwaqqfu fil-parkeġġ li hemm f’Tal-Magħluq, bejn id-9am sal-5pm, mit-Tnejn sal-Ħadd u jkun hemm b’6 spazji biss ta’ parkeġġi allokati għalihom.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Nazzareno Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Matthew Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Miriam Camilleri</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
<br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan.</td></tr>
<tr><td>7.3.5<br><br>7.3.6<br><br>7.3.7</td><td>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-26 ta’ Settembru 2024 hu kellu laqgħa ma’ Infrastructure Malta rigward Triq Maurice Bonnici u t-toroq tal-madwar.<br><br>Is-Sindku informa li hu tkellem ma’ Infrastructure Malta u wergħa ix-xewqa li jneħħu r-railings li bħalissa jintużaw biex jinżlu għad-dgħajjes minnhom u minflok isiru oħrajn bojod iggalvanizzati.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
</table></td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.8 Kien hemm qbil unanimu li jerġgħu jiġu mibdula.

7.3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-27 ta' Settembru 2024 is-Sindku kellu laqgħa ma' rappreżentanti mill-Ministeru tat-Trasport fejn ġie diskuss il-problema li qiegħda tinħoloq ħabba taxis f'Delimara.

7.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar id-9 ta' Ottubru 2024, is-Sindku kellu laqgħa oħra ma' rappreżentanti mill-Ministeru tat-Trasport fejn ġiet diskussa l-problema ta' Delimara. Hu ġie gwidat sabiex ssir byelaw rigward regoli li jixtiequ li jiġu fis-seħħ għall-proposti ta' Delimara. Wara umbad tkun tista' tinħareġ tender sabiex toħroġ sejħa għal *shuttle service* lejn Delimara.

7.3.11 Is-Sindku issuggerixxa li l-aħjar post fil-fhema tiegħu fejn jinbiegħu dawn il-biljetti tax-*shuttle service* hu maġenb fejn hemm it-Tourist Office, f' tal-Magħluq.

7.3.12 Ressaq din il-proposta għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti

7.3.13

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.14 Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera kollha.

7.3.15 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti li jinsabu max-xatt. Huwa qal li nqala' argument din il-ġimgħa minħabba xi ristorant li qiegħed iħalli l-imwejjed u s-siġġijiet u kien hemm bejjiegħ tal-Monti li qal li qegħdin jostakolaw il-post fejn jarma hu.

7.3.16 Is-Sindku talab għal vot:

7.3.17 ***Taqblu li l-imwejjed u s-siġġijiet jiddaħħlu ġewwa mal-għeluq tar-ristoranti, u jitneħħew min-naħa tax-xatt u jitpoġġew fuq in-naħa tar-ristoranti fuq il-***

***bankina, diment li jitħalla passaġġ mill-pjazza sa fejn Sqaq Bużbieżi?***

7.3.18

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | - | - | - |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.19 Kien hemm qbil unanimu, iżda l-Kunsillier Daniel Zerafa iddikjara kunflitt ta' interess.

7.3.20 Is-Sindku wera t-tabelli proposti għaż-żoni fejn huma riservati għas-sajjieda. Talab il-votazzjoni għal-approvazzjoni.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.21 Kien hemm qbil unanimu.

7.3.22 Ittieħed vot ukoll dwar it-tabelli ta' max-xatt li jagħtu permess fejn jipparkjaw il-bejjiegħa tal-monti. Taqblu li l-parkeġġ riservat għall-bejjiegħa tal-Monti ikunu riservati biss bejn il-5:30am sal-10:00am ikun biss?

Kien hemm qbil unanimu, bill-Kunsillier Daniel Zerafa jiddikjara kunflit ta-interess.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | - | - | - |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.22 Is-Sindku qal li Triq il-Port Ruman hemm parti fejn il-bankina hi mkissra u jixtieq japplika biex issir mal-Public Works.

Kien hemm qbil unanimu.

7.3.23

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno | X | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bugeja | | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

7.3.24 Is-Sindku informa li l-Planning Authority ddeċidiet li l-barumbara ta' Triq il-Kavallerizza tiżżarma u terġa' titpoġġa fl-istess għalqa iżda faċċata. Il-Kunsillier Matthew Bugeja għamel referenza għal PA 1640/20 sabiex nitolbu l-Gvern biex l-għalqa ta' maġenb il-barumbara tinxtara mill-Gvern u ssir ġnien pubbliku.

7.3.25

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

Ittieħed vot fuq din il-proposta. - Qbil Unanimu

**7.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

7.4.1 Il-Viċi Sindku Camilleri staqsiet kif fi Triq iż-Żejtun saru kaxxi bojod fuq naħa waħda filwaqt li n-naħa l-oħra ma sarux. Is-Sindku wieġeb li se jerġgħu jduru l-kaxxi tan-naħa l-oħra biż-żebgħa wkoll.

7.4.2 Il-Viċi-Sindku Camilleri staqsiet ukoll dwar kif se nibqgħu fuq Triq Barthelemy. Is-Sindku fetaħ għad-diskussjoni biex jara l-opinjoni tal-Kunsilliera.

Ittieħed vot dwar dan:

7.4.3 ***Taqblu li Triq Barthelemy tiġi dħul?***

Ma ntlaħaqx ftehim, għax kien hemm 2 voti favur u 3 kontra

7.4.4 Il-Viċi Sindku talbet għall-kameras sabiex jitwaħħlu fi Triq it-Trunċiera fejn hemm il-magna tal-BCRS. Is-Sindku ressaq din il-proposta għall-votazzjoni u kien hemm qbil unanimu.

Miriam Camilleri rreferiet ukoll għal bankina fi Triq il-Baħħara li qiegħda perikoluża u talbet li ssir x'ħaġa.

7.4.5 Il-Kunsillier Matthew Bugeja semma r-roundabout fi Triq iż-Żejtun in-naħa ta' Triq Axtart u ssuġġerixxa li ssir gradilja safra li turi li m'hemmx permess parkeġġ. Is-Sindku qabel ma' din il-proposta iżda qal li peress li din hija triq arterjali ħa nibagħtu lil Transport Malta.

<table>
<tr><td>7.4.6</td><td>Matthew Bugeja wera wkoll il-bżonn li Triq iż-Żejtun in-naħa ta’ fejn hemm il-grocer titwessa’ naqra l-bankina fil-kantuniera b’tali mod li ma jkunux jistgħu jipparkjaw karozzi fit-tarf ta’ triq għax qiegħed perikoluz.<br><br>Is-Sindku ressaq din il-proposta għall-votazzjoni u kien hemm qbil unanimu.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Nazzareno Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Matthew Bugeja</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Miriam Camilleri</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>7.4.7</td><td>Il-Kunsillier Matthew Bugeja tkellem ukoll dwar is-Service Pillars li jiġu l-ewwel tnejn min-naħa tal-Pjazza li mhux qegħdin jaħdmu tajjeb għax mhux jifilħu l-kurrent tad-dawl kif suppost.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser nibagħtu lill-Fisheries rigward l-ewwel tnejn minħabba li dawn huma tagħhom.</td></tr>
<tr><td>7.4.8</td><td>Matthew Buġeja qal ukoll li meta kien hemm il-fish fest, id-diversion ħadmet tajjeb ħafna, u għalhekk issuġġerixxa li l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd filgħaxija jibda jingħalaq minn Triq Duncan sa Triq San Franġisk.<br><br>Ġie maqbul li ħa jingħata ċans jaħsbuha ftit u din terġa’ tiġi diskussa.</td></tr>
<tr><td>7.4.</td><td>Is-Sur Matthew qasam ukoll ma’ dawk preżenti proposta minn resident li qallu biex fi żmien il-Milied isir fund raising b’risq il-Malta Community Chest Fund.<br><br>Is-Sindku qabel ma din il-proposta.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>7.5</td><td>Approvazzjoni tar-Rapport ta’ Ħidma - 2023</td></tr>
<tr><td>7.5.1</td><td>Dan ir-rapport ġie approvat b’mod unanimu.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>7.6</td><td>Kunsill Lokali tat-Tfal</td></tr>
<tr><td>7.6.1<br><br><br>7.6.2</td><td>.Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li kellu laqgħa mar-RIGHTS rigward il-Kunsil lokali tat-tfal. Dawn ser ikunu qed jiltaqgħu għall-ewwel laqgħa li se tkun fit-2 ta’ Diċembru u li ser tibda tkun kull xahar.<br><br>Għal dan jeħtieġ li nsibu post addattat. Huwa informa lil dawk preżenti li hu kellem lill-Kap tal-iskola għal appuntament.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 7.6.3 | Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| | |
| **7.7** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |
| 7.7.1 | Ġie diskuss u maqbul li minħabba li Segretarju Eżekuttiv Sa. Karen Scicluna se tispiċċa mill-kariga tagħha se tibqa' bħalal Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm jinħatar x'ħadd ieħor flokha. |
| | |
| **7.8** | **Planning Authority** |
| 7.8.1 | PA/1640/20 – Barumbara. Din ġiet eżawrita. |
| 7.8.2 | PA/1484/24 – Tal-Ballut. Dan inħareġ il-permess. |
| 7.8.3 | PA/6573/24 – Torri Vendome. |
| 7.8.4 | PA/6324/24 – Battery Wolseley -<br>***To sanction concrete roof of existing pre-68 agricultural store.***<br>Kien hemm talba għal kjarifika dwar dan mis-supretendent tal-Cultural Heritage fejn staqsiet għal aktar ritratti u informazzjoni. Dan hu anke rikjest sabiex ikunu jafu jekk hux sit storiku u jekk hux jappartjeni lil-Lands jew hux proprjetà privata. |
| | |
| **7.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 7.9.1 | Dawn ġew approvati. Is-Sur Reno Bugeja propona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda. |
| | |
| **7.10** | **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.** |
| 7.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 7 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 11 ta' Novembru, 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Steven Grech** | **Karen Scicluna** |
| *Sindku* | *Agent Segretarju Eżekuttiv* |

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ________________________ |
| ***Proponent*** | ***Sekondant*** |